TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 298/11 (JE).

Joseph Micallef

vs

Maltco Lotteries Ltd.

Illum, 3 ta' Marzu 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Joseph Micallef tal-4 ta' Lulju 2011 fejn stqarr illi s-Sibt, 14 ta' Mejju 2011 huwa rebaħ € 500 fil-lottu imma tnaqqaslu 65% mir-rebħ u ħa biss € 175. Meta lmenta mas-soċjetà konvenuta, din iddefendiet ruħha billi qalet illi fil-ktieb hemm ir-rata ta' tnaqqis imma dan m'hux minnu u l-ktieb jispeċifika li r-rebħ jista' jitnaqqas imma m'hux ir-rata ta' tnaqqis. L-attur allega illi dan hu ngann.

Ra r-risposta dettaljata tas-soċjetà konvenuta illi fiha ma kkontestatx illi sar it-tnaqqis tar-rebħ fil-jum imsemmi peress illi r-rebħ totali qabeż il-limitu ta' 70% tal-bejgħ għal dak it-tlugħ u dana skond ir-regolamenti tal-logħba tal-lottu kif approvat mill-Awtorità tal-Lotteriji u Logħob (LGA). Dawn ir-regolamenti jinstabu fil-ktieb tal-ġugaturi li qiegħed f'kull banka tal-lottu kif ukoll fuq is-sit tas-soċjetà konvenuta. It-tnaqqis isir skond kemm ir-rebħ jaqbeż l-ammont ta' 70% tal-bejgħ u ovvjament ma jistax jiġi ffissat a priori. Fil-każ tal-jum partikolari, 35% tar-rebħ biss ġie distribwit.

Is-soċjetà konvenuta qalet ukoll illi hija ppubbliċizzat immedjatament dan it-tnaqqis fir-rebħ kif dejjem tagħmel u tali tnaqqis sar skond ir-regola tal-capping kif iffissata mil-LGA.

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi huwa ċar illi s-soċjetà konvenuta kellha kull dritt tnaqqas ir-rebħ meta dan jaqbeż sebgħin fil-mija tal-bejgħ tal-biljetti tal-lottu. Madankollu, dan it-Tribunal irid iħares lejn il-kwistjoni minn ottika differenti. Fl-ewwel lok, wieħed irid jara jekk il-konsumatur kellux avviż adekwat tal-possibilità ta' tali tnaqqis fir-rebħ fl-eventwalità msemmija. Fit-tieni lok, wieħed irid jara jekk inġabietx prova adekwata illi effettivament kienu jeżistu l-estremi sabiex isir it-tnaqqis tar-rebħ kif is-soċjetà konvenuta kienet ċertament intitolata illi tagħmel.

Mix-xhieda tal-attur u ta' martu, jidher ċar illi l-informazzjoni dwar il-possibilità ta' tnaqqis ta' rebħ kienet skarsa ħafna. Ċertament jidher illi l-attur u martu ma ngħatawx spjegazzjoni ċara fil-banek tal-lottu illi xtraw il-biljetti rebbieħa u fejn marru jisbankaw ir-rebħ. L-attur m'għandu l-ebda tort illi fil-banek tal-lottu in kwistjoni ma kienx hemm kopja tal-ktieb tal-ġukaturi u r-riċevituri l-anqas biss jidher illi kienu jafu bih. Il-prova f'dan ir-rigward kellha ssir mis-soċjetà konvenuta illi allegat illi tali ktieb jinsab fil-banek tal-lottu kollha imma ma sarietx.

It-Tribunal jinnota ukoll illi s-soċjetà konvenuta ħarġet stqarrija għall-istampa dwar it-tnaqqis tal-bejgħ fis-16 ta' Mejju 2011 (Dok. A(1)), jiġifieri jumejn wara t-tlugħ tal-lottu in kwistjoni u dana meta l-awtorizzazzjoni sabiex isir it-tnaqqis tal-bejgħ kien ilu li ngħata mit-2 ta' Lulju 2007. It-Tribunal iħoss ukoll illi l-anqas m'hu suffiċjenti illi wieħed ipoġġi avviż żgħir fuq poster fil-banek tal-lottu illi jgħid illi wieħed jista' jara r-regoli dwar it-tnaqqis tal-bejgħ fis-sit tas-soċjetà konvenuta. It-Tribunal iħoss illi tali possibilità ta' tnaqqis fir-rebħ kellha tiġi avżata billi ta' l-anqas tiġi stampata bl-aktar mod ċar fuq il-biljett tal-lottu kif ukoll kellha tingħata pubbliċità wiesgħa mis-soċjetà konvenuta. Għaldaqstant, jidher illi s-soċjetà konvenuta ma eżerċitatx id-diliġenza meħtieġa sabiex tagħti avviż adekwat lill-ġukaturi dwar il-possibilità ta' tnaqqis fir-rebħ u t-tnaqqis seħħ ħabta u sabta minħabba l-livell straordinarju ta' rebħ fil-jum in kwistjoni.

Fit-tieni lok, it-Tribunal ma' jħossx illi s-soċjetà konvenuta ġabet provi suffiċjenti illi r-rebħ in relazzjoni mal-bejgħ fil-jum in kwistjoni kien kif qed tallega. L-anqas ma' ngabet l-ebda prova illi l-awtorità regolatorja kienet b'xi mod ivverifikat illi r-rebħ kien jiżboq bil-kbir il-bejgħ f'dak il-jum partikulari. It-Tribunal ma jistax joqgħod fuq mera allegazzjoni meta ma ngabetx prova konkreta illi l-fatti kienu kif qed tallega s-soċjetà konvenuta.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont mir-rebħ illi ma tħallasx lill-attur u ċioè is-somma ta' € 324.80.

Spejjeż ta' dina l-vertenza għas-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.